DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 106/2015

tat-30 ta' April 2015

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE [2016/1289]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE ([1]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Id-Direttiva 2014/46/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(3) Id-Direttiva 2014/47/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabilità stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni u li tirrevoka d-Direttiva 2000/30/KE ([3]) kif ikkoreġuta ĠU L 197,4.7.2014, p. 87 għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(4) Id-Direttiva 2014/45/UE tirrevoka, b'effett mill-20 ta' Mejju 2018, id-Direttiva 2009/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE u li għaldaqstant għandha tiġi irrevokata skont il-Ftehim ŻEE b'effett mill-20 ta' Mejju 2018.

(5) Id-Direttiva 2014/47/UE tirrevoka, b'effett mill-20 ta' Mejju 2018, id-Direttiva 2000/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE u li għaldaqstant għandha tiġi irrevokata skont il-Ftehim ŻEE b'effett mill-20 ta' Mejju 2018.

(6) Għaldaqstant, l-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat b'dan il-mod:,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE jkun emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 16a (tad-Direttiva 2009/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"16b. **32014 L 0045**: Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014, dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51)."

([1]) ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51.
([2]) ĠU L 127, 29.4.2014, p. 129.
([3]) ĠU L 127, 29.4.2014, p. 134.
([4]) ĠU L 141, 6.6.2009, p. 12.
([5]) ĠU L 203, 10.8.2000, p. 1.

2. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 17h (tad-Direttiva 2000/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"17ha. **32014 L 0047**: Id-Direttiva 2014/47/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014, dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabbiltà stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni u li tirrevoka d-Direttiva 2000/30/KE (ĠU L 127, 29.4.2014. p. 134) kif ikkoreġuta minn ĠU L 197, 4.7.2014, p. 87."

3. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 24c (id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE):

"— **32014 L 0046**: Id-Direttiva 2014/46/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 129)."

4. It-testi tal-punti 16a (id-Direttiva 2009/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) u 17h (id-Direttiva 2000/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) għandu jiġi imħassar b'effett mill-20 ta' Mejju 2018.

Artikolu 2

It-testi tad-Direttivi 2014/45/UE, 2014/46/UE u 2014/47/UE kif korretti minn ĠU L 197, 4.7.2014, p. 87, bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment ŻEE f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE Nru 88/2014 ([1]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu taż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Gianluca GRIPPA

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

([1]) Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 88/2014 tas-16 ta' Mejju 2014 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE (ĠU L 310, 30.10.2014, p. 40).